MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Appell Civili Numru. 35/2005/1

**Peter Attard**

**vs**

**Lawrence u Carmen konjugi Fino**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta' Gunju, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu solidalment beniethom lill-istess attur is-somma ta' elfejn, mitejn u hamsin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm2250.91 VAT inkluz) skond r-rendikont Dok A anness mal-avviz, rapprezentanti il-bilanc totali ta'

hlas ghal xoghol ezegwit u materjal uzat fuq inkarigu u a beneficcju taghhom in solidum fil-flats numru 7, 8 u 9 Qui-si-sana, Sliema, kif jirrizulta dettaljatament fl-annessi invoices numru 1175, 1176 u 1177 , mmarkati Dok B, C u D u kont ulterjuri mmarkati Dok E.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri legali tas-27 ta' April, 2004, u tal-4 ta' Mejju, 2004 u tal-ittra ufficcjali tas-17 ta' Gunju 2004, kontra l-konvenuti in solidum li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess avviz a fol 2 sa fol 8 tal-atti u markati Dok A sa Dok D.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 15 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu peress illi l-ebda ammont ma hu dovut stante li l-attur accetta pagament fl-ammont ta' Lm1,822.67c offrut lilu "as full and final settlement" kif jidher mill-ittra datata 22 ta' April 2004 (Dok LF 1 unit man-nota tal-eccezzjonijiet);
2. Illi bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, l-ammont reklamat lanqas, ma huwa dovut ghax il-kont rilaxxjat ghax-xogholijiet extra kien eccessiv u ma jirriflettix il-prezzijiet tas-suq u dana kif jidher mir-Rapport datat it-8 ta' April 2004 rilaxxjat mill-Ingineer Joseph Muscat (Dok LF2 unit man-nota tal-eccezzjonijiet);
3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat ukoll iz-zewg dokumenti annessi mal-istess nota, a fol 16 sa fol 21 tal-atti u markati Dok LF1 u Dok LF2.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-noti rispettivi tal-partijiet a fol 60 u fol 78 et seq ibid.

Ikkunsidrat

Illi kif hemm verbalizzat a fol 24 tal-atti minhabba in-natura tal-ewwel eccezjoni kif proposta mill-konvenuti, f'dan il-kaz saret inversjoni fil-provi stante li jinkombi fuq id-debitur li jiprova dak li ssottometta fl-istess eccezzjoni . Dwar l-istess eccezzjoni il-konvenut (fol 25 et seq ibid) issottometta illi, f'dan, il-kaz "… il-problemi inqalghu in rigward l-'extra work' esegiwt mill-attur in konnessjoni mal-kuntratt ta' appalt in esami. Dwar l-istess xoghol 'extra' il-konvenut jikkontendi li meta ircieva l-kont relattiv mahdum mill-attur hu kien rah bhala eccessiv u ghalhekk kien baghat ghall-attur u issugerixxa li jintlahaq ftehim dwar dan, liema proposta ma kienetx accettata mill-istess attur. Ghalhekk hu kien inkariga terza persuna , inginier, sabiex jaghmel stima ta' dan ix-xoghol 'extra', liema stima tinsab esebita a fol 18 sa fol 21 tal-atti u markat Dok LF2. Dan kien sar peress li ma kienx hemm ftehim dwar ir-rati bejnu w l-attur in konnessjoni ma dan ix-xoghol 'extra'. Sussegwentement u a basi tal-istess stima msemmija il-konvenut kien hareg 'cheque' u baghtu lill-attur, liema 'cheque' kien jammonta ghal Lm1822.67,0 u kien akkumpanjat b'ittra datata it-22 ta' April 2004, esebita a fol 16 tal-atti. F'din l-ittra hemm imnizzel, b'mod car, illi l-istess 'cheque' bl-ammont imnizzel fuqu, kien qed jintbaghat "as full and final settlement" u "in settlement of the above mentioned works" fi ftit kliem ghas-saldu ta' kull pretensjoni li jista' jivvanta l-istess attur. Dwar l-istess 'cheque' esebit a fol 17 u fol 30 ibid in fotokopja, jirrisulta illi dan gie msarraf mill-attur kif jidher mill-istess girata a fol 30 ibid bit-timbru tal-Bank juri id-19 ta' Gunju 2004. Dwar dan il-punt, l-attur jammetti illi filfatt kien sarraf dan ic-'cheque'. Pero hu kien ukoll, baghat tlett ittri, b'wahda minnhom ufficajli (ara fol 36, 37, 38 u 40 tal-atti) li permezz taghhom hu kien wera bic-car illi kien ser jsarraf l-istess cheque waqt li jzomm id-dritt li jipprocedi ghal kull bilanc pretiz minnu (ara fol 35 ibid).

Ikkunsidrat

Illi f'dan il-kaz, kif di gja inghad ma ghandu jkun hemm ebda dubbju illi c-'cheque' imsemmi kien intbaghat mill-konvenut lill-attur a saldu ta' kull pretensjoni li dan seta kellu. F'kazijiet bhal dawn hu kwazi pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi l-uniku rimedju li seta' kellu l-attur kien li ma jaccettax ic-'cheque' in kwistjoni u ma jsarrfux.

Illi f'dan il-kaz ma irrizultax illi l-konvenut kien baghat ic-cheque in kwistjoni minhabba li dehrlu illi fil-fehma tieghu u b'mod arbitrarju, l-kumpens dovut lill-attur ghax-xoghol 'extra' kien jammonta ghal certa somma. Jidher anzi u filfatt li hu mexa fuq dak li gie stmat minn enginier, dwar x'kellhom jkunu r-rati ta' dan ix-xoghol. Inoltre l-attur ma spjegax x'kienet ir-raguni ghala sarraf ic-'cheque' meta hu cert li dan kien intbaghat mill-konvenut ghas-saldu ta' kull pretensjoni.

Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dak premess u tal-fatti risultanti mill-provi, l-ewwel (1) eccezzjoni ghandha tigi akkolta fuq basi legali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tilqa' l-ewwel (1) eccezzjoni sollevata mill-konvenuti, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra legali tas-27 ta' April 2004 u tal-4 ta' Mejju 2004 u ta' dik ufficjali datata l-17 ta' Gunju 2004 jithallsu mill-istess attur.**"**

L-attur jiccensura din is-sentenza bil-kontestazzjoni principali illi l-ewwel Qorti malament iddecidiet punt ta' dritt in materja ta' pagament ghas-saldu. Huwa jissottometti illi dik il-Qorti ma kellhiex tadotta r-rigur illi ghax hu accetta u sarraf ic-*cheque* bil-modalita` "*in full and final settlement*", gie li tilef id-dritt tieghu li jirreklama l-bilanc lilu dovut;

Huwa mill-ewwel car mir-ragonament ta’ l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata illi din segwiet bi gwida dik il-gurisprudenza li tghid illi “jekk id-debitur offerent jiddikjara b’ mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m’ ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaccettah b’ kondizzjonijiet u riservi li necessarjament huma inkonsistenti ma’ offerta ta’ pagament a saldu” (“**William Apap -vs- Joseph Galea *et nomine***”, Appell Kummercjali, 26 ta’ Novembru, 1986);

Din il-Qorti tistqarr rispettosament illi ma tistax taqbel ma’ din il-posizzjoni rigida fis-sentenza citata. Il-principju mhux assolut jew talment inflessibbli li ma jippermettix deroga minnu fic-cirkostanzi kongruwi. Kif taraha din il-Qorti, f’ kaz fejn id-debitur ma jkunx hallas dak kollu pretiz mill-kreditur tieghu, il-liberazzjoni tieghu mill-pretensjoni dedotta fil-konfront tieghu tista’, ghal fatt ta’ dik id-dikjarazzjoni ghas-saldu, tissussisti jekk mic-cirkostanzi li fiha sar il-hlas tigi dezunta l-espressjoni tal-volonta` tal-kreditur li huwa qed jirrinunzja ghall-kumplament. Rinunzja din, li kif enuncjat f’ bosta sentenzi, trid tkun wahda cara u univoka b’ mod li mill-fatti ma tkunx tista’ tingibed kongettura ohra hlief il-propozitu evidenti tar-rinunzja. Ara a propozitu s-sentenza fl-ismijiet “**Michele Tabone *et* -vs- Emmanuele Sammut *nomine***”, Prim' Awla, Qorti Civili, 10 ta’ Ottubru, 1950;

Dan premess, il-kwestjoni sollevata hawnhekk gja giet drabi ohra ezaminata mill-gudikant sedenti f’ kawzi ohra. Hekk fis-sentenza “**Johann Schembri *proprio et nomine* -vs- Charlot Mifsud *nomine***”, Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 19 ta’ Ottubru, 2005, din il-Qorti kif presjeduta, irravvisat illi, ghalkemm in linea ta’ massima hu prezunt li min jaccetta *cheque* lilu mibghut fit-termini “*full and final settlement*”, u jghaddi biex isarrfu, jigi li accetta dak il-hlas f’ dawk l-istess termini precizi, eppure, jekk jigi muri li huwa tempestivament ipprotesta ghall-pagament b’ dik il-modalita`, l-accettazzjoni minnu ta’ dak

ic-*cheque* u s-sussegwenti tisrif tieghu ma kellux, imbaghad, jigi rinfaccjat lilu bhala xi abdikazzjoni tad-dritt tieghu ghal hlas tal-bilanc dovut;

Gja qabel din id-decizjoni l-gudikant sedenti kien esprima l-fehma illi, ghalkemm ic-*cheque* f' dawk l-istess termini kien jikkostitwixxi rikonixximent tal-pagament u prova pjena tal-hlas specifiku ta' somma determinata, l-interpretu ma ghandux jeccedi l-limiti ta' dik l-konfessjoni mill-kreditur stabbilita bir-ricezzjoni u tisrif tac-*cheque*. Zied jinghad illi ghal skop ta' certezza morali jekk id-debitur kellu l-intenzjoni li l-hlas b' dak ic-*cheque* kellu jkun wiehed finali, hu kien messu insista ghal kwittanza shiha permezz ta' dokument jew ricevuta jew kitba xort' ohra attestanti r-ricezzjoni tal-hlas ghas-saldu, u allura wkoll, l-estinzjoni tad-debitu. Ara "**Francis Ciantar *proprio et nomine* -vs- Norman Clews *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 12 ta' Ottubru, 2005;

Tabilhaqq, il-pagament akkompanjat bid-dikjarazzjoni illi dan kien qed isir "ghas-saldu" ma kienx bizzejjed biex jassolvi ghal kollox ir-rapport kreditur-debitur u l-estinzjoni ta' l-obbligazjonijiet da parti tad-debitur. Dan irrikonoxxietu wkoll is-sentenza "**Agius Marble Works -vs- AX Construction Ltd**", Prim' Awla, Qorti Civili, 8 ta' Marzu, 2005 per Imhallef Giannino Caruana Demajo. Fiha nghad illi l-hrug ta' ricevuta ghas-saldu ma jzommx lil kreditur milli jitlob hlas ghal xoghlijiet li jkunu thallew barra meta saru l-kontijiet li fuqhom sar il-hlas;

Ipprecizati dawn l-ispunti rakkolti mill-gurisprudenza, fil-kaz konkret jirrizulta mill-provi illi l-attur, tramite ittra legali (14 ta' Mejju, 2004, fol. 38) u ohra ufficcjali (17 ta' Gunju, 2004, fol. 40), irregistra l-opposizzjoni tieghu ghal hlas mill-konvenuti b' dik id-dikjarazzjoni meta dan ma kienx jikkorrispondi ghal pagament integrali ta' dak spettanti lilu. Huwa veru li kif jidher mill-busta in atti (fol. 37) l-ittra legali registrata ma wassletx fid-destinazzjoni taghha imma b' daqshekk ma jfisserx illi l-appellanti ma rregistrax, fiz-

zmien opportun, il-protesta tieghu ghal hlas b’ dak il-mod. Forsi l-kwestjoni l-izjed sostanzjali f’ dan il-kaz mhux dik jekk il-protesta wassletx ghand il-konvenuti imma jekk il-Qorti ghandhiex tacetta illi l-appellanti, *a tempo debito* u qabel it-tisrif tac-*cheque* (19 ta’ Gunju, 2004), ghamilha cara illi ma kienx qed jirritjeni ic-*cheque* lilu mibghut (22 ta’ April, 2004) bhala hlas ghas-saldu.  L-atti jixhdu dan u, allura, *contra factum non est argumentum*.  F’ dawn ic-cirkostanzi l-ewwel Qorti ma messhiex, fil-fehma ponderata ta’ din il-Qorti, tirraguna illi l-accettazzjoni tac-*cheque* u t-tisrif tieghu kienu jimmilitaw kontra l-appellanti kreditur b’ mod li tipperimi l-istanza minnu promossa ghall-hlas tal-bilanc.  Naturalment, din il-Qorti mhix qed tghid li l-appellanti hu gustifikat li jikkonsegwixxi l-ammont kollu minnu reklamat.  Jekk dan huwiex hekk jew le jiddependi mill-valutazzjoni tal-meritu u dak tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuti ta’ l-eccessivita` ta’ l-ammont bilancjali domandat.  Materja din li tispetta lill-ewwel Qorti li tistharreg u li tipprovdi motivazzjoni adegwata ghal konkluzjoni taghha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell fl-aggravju principali tieghu u b’ hekk tirrevoka s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellati. Tirrinvija l-atti lura lill-ewwel Qorti biex din titratta u tiddeciedi l-mertu tad-domanda attrici fl-ambitu tat-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------